

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tat-12 ta' April 2018 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Renju tad-Danimarka

(Kawża C-541/16) ⁽¹⁾

(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Regolament (KE) Nru 1072/2009 — Artikolu 2(6) — Artikolu 8 — Operazzjonijiet ta' kabotaġġ — Kunċett — Definizzjoni inkluża f'dokument "Mistoqsijiet & Tweġibiet" li stabbiliet il-Kummissjoni Ewropea — Valur legali — Miżuri nazzjonali ta' applikazzjoni li jllimitaw in-numru ta' punti ta' tagħbija u punti ta' ħatt li jistgħu jagħmlu parti mill-istess operazzjonijiet ta' kabotaġġ — Marġni diskrezzjonali — Restrizzjoni — Proporzjonalità)

(2018/C 200/10)

Lingwa tal-kawża: id-Daniż

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Hottiaux, L. Grønfeldt u U. Nielsen, aġenti)

Konvenut: Ir-Renju tad-Danimarka (rappreżentanti: C. Thorning J. Nymann-Lindegren u M. Søndahl Wolff, aġenti)

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 6, 09.01.2017.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tat-12 ta' April 2018 (talba għal deċiżjoni preliminari tar-Rechtbank Den Haag – il-Pajjiżi l-Baxxi) – A, S vs Staatssecretaris van Veiligheid en Justitie

(Kawża C-550/16) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Dritt għar-riunifikazzjoni tal-familja — Direttiva 2003/86/KE — Il-parti inizjali tal-Artikolu 2 u l-Artikolu 2(f) — Kunċett ta' "minuri mhux akkumpanjat" — Artikolu 10(3)(a) — Dritt ta' refuġjat għar-riunifikazzjoni tal-familja mal-ġenituri tiegħu — Refuġjat taħt l-età ta' 18-il sena fil-mument tad-dħul tiegħu fit-territorju tal-Istat Membru u tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni tiegħu għall-ażil, iżda maġġorenni fil-mument tal-adozzjoni tad-deċiżjoni li tagħtih l-ażil u tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni tiegħu għar-riunifikazzjoni tal-familja — Data determinanti għall-ewalwazzjoni tal-istatus ta' "minuri" tal-persuna kkonċernata)

(2018/C 200/11)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Rechtbank Den Haag

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: A, S

Konvenut: Staatssecretaris van Veiligheid en Justitie